

Brussell, 17 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13323/17

PECHE 390

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 17 ta' Ottubru 2017

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Rapport Speċjali Nru 8/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem:
"Il-kontrolli tas-sajd tal-UE: jenġtieġu sforzi addizzjonali"
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Ottubru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 8/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem: "Il-kontrolli tas-sajd tal-UE: jenġtieġu sforzi addizzjonali", adottat mill-Kunsill fit-3567 laqgħa tas-17 ta' Ottubru 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 8/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Il-kontrolli tas-sajd tal-UE: jenħtieġu sforzi addizzjonali"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 8/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-kontrolli tas-sajd tal-UE: jenħtieġu sforzi addizzjonali";
- (2) JIRRIKONOXXI l-progress, li sar mill-aħħar awditu tas-sistema ta' kontroll fl-2007¹ s'issa permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1224/2009², li huwa rikonoxxut f'dan ir-Rapport Speċjali b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-kwoti u l-ispezzjonijiet tas-sajd.
- (3) JINNOTA li waqt li l-kampjun ta' erba' Stati Membri jirrappreżenta aktar minn nofs il-kapaċità tal-flotta tal-Unjoni, jista' jkun li s-sitwazzjonijiet differenti fi Stati Membri oħra kkonċernati ma tqisux;
- (4) JAQBEL mal-valutazzjoni tal-Qorti li t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll effikaċi huma meħtieġa għas-suċċess tal-Politika Komuni tas-Sajd, JINNOTA li l-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Kontroll huwa proċess li għadu għaddej u li t-titjib qed isir kontinwament, u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fejn ikun xieraq;

¹ Rapport Speċjali Nru 7/2007 tal-Qorti tal-Awdituri.

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006.

- (5) JAGĦRAF il-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ dejjiemi bejn il-kapaċità tal-flotta tas-sajd u l-opportunitajiet ta' sajd biex is-sajd jinżamm sostenibbli fit-tul, għalhekk, JINNOTA l-importanza li jkollu informazzjoni affidabbli dwar il-kapaċità tas-sajd fir-reġistru tal-flotot tal-Unjoni, u JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li jiġu stabbiliti proċeduri għall-verifika tal-preċiżjoni tal-informazzjoni rreġistrata f'reġistri tal-flotta nazzjonali;
- (6) IFAKKAR li fis-6 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni adottat Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni³ bil-għan li jiġi stabbilit u miżmum reġistru sabiex ikompli jtejjeb il-għbir tad-data f'dan ir-rigward u JINNOTA t-tweġiba tal-Kummissjoni li n-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti fir-rigward tar-reġistru tal-flotta jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' dan ir-regolament.
- (7) JAQBEL li miżuri ta' ġestjoni tajba jistrieħu fuq il-monitoraġġ xieraq u effiċjenti tal-attivitajiet tas-sajd, JILQA' l-valutazzjoni tal-Qorti li l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd hija ġeneralment korretta, u JINKORAĠĠIXXI l-iżvilupp kontinwu tat-teknoloġija, speċjalment fir-rigward ta' sistema elettronika ta' rappurtar u kontroverifika fost l-Istati Membri rilevanti, sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' kontroll u konformità, jitnaqqas il-piż amministrattiv u tkompli tiżdied il-kosteffiċjenza.
- (8) Waqt li JIRRIKONOXXI s-sejbiet tal-Qorti dwar ċerti nuqqasijiet fil-monitoraġġ ta' bastimenti tas-sajd fuq skala żgħira, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn il-benefiċċji tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u l-kostijiet u l-piż amministrattiv relatati miegħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd fuq skala żgħira, għalhekk JENFASIZZA l-ħtieġa tal-użu massimu possibbli tas-sistemi ta' monitoraġġ u tas-sorsi ta' data eżistenti.

³ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/218 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.

- (9) JINNOTA li l-attivitajiet ta' spezzjoni u s-sanzjonijiet jikkontribwixxu għall-konformità li tiżgura ġestjoni tas-sajd sostenibbli, għall-ħolqien ta' kultura ta' konformità u għall-kisba ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fuq żmien twil, iżda JFAKKAR li l-prattiki differenti ta' sanzjonijiet huma dovuti għal diverġenzi fis-sistemi legali nazzjonali u fit-tradizzjonijiet legali u li l-istabbiliment ta' sanzjonijiet huwa kompetenza esklużiva tal-Istati Membri u JINKORAĠĠIXXI aktar żvilupp ta' strateġiji komuni ta' spezzjoni sabiex jissaħħu l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jitjieb l-aċċess reċiproku għal data rilevanti.
- (10) JILQA' l-valutazzjoni tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll. Filwaqt li f'dan il-kuntest IFAKKAR fir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tar-Regolament (KE) 1224/2009⁴, il-Kunsill JILQA' bis-sħiħ l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tirrevedi s-sistema ta' kontroll, u f'din l-okkażjoni JINDIKA l-opportunità għal titjib permezz ta' rappurtar affidabbli dwar il-qabdiet, aktar simplifikazzjoni, l-użu ta' teknoloġiji ġodda, b'kont meħud tal-ispejjeż, il-valur miżjud għall-oġettivi ta' kontroll, l-ispeċifitàjiet reġjonali u l-akbar tnaqqis tal-piż amministrattiv.
-

⁴ Ara d-dok. 8375/17 PECHE 160.